REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 647/2007

tat-12 ta' Ġunju 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2229/2004 li jistabbilixxi aktar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma li jissemma fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għal-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 [2] u (KE) Nru 2229/2004 [3] jistabbilixxu r-regoli fid-dettall dwar l-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u fihom lista tas-sustanzi attivi koperti minn dak l-istadju.

(2) Jidher ċar li xi sustanzi attivi inklużi fil-lista stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 2229/2004 qatt ma kienu jinsabu fis-suq bħala prodotti għall-ħarsien tax-xtieli kif iddefinit bid-Direttiva 91/414/KEE, u, għaldaqstant, ma kellhomx jitniżżlu f'din il-lista. Dawn is-sustanzi għandhom jitneħħew minn din il-lista.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2229/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tnejn u għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 230, 9.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/31/KE (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 44).
[2] ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.
[3] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 huwa emendat kif ġej:

1 Fil-Parti A, ir-referenzi għas-sustanzi attivi li ġejjin jitneħħew:

(a) Referenzi fi Grupp 1 ta' Parti A:

— Amino aċidi/L-aċidu glutamiku

— Amino aċidi/L-Tryptophan

— Reżini

— Metabisulfit tas-sodju

— Glutina tal-qamħ

— Maltodextrin

(b) Referenzi fi Grupp 2,2 ta' Parti A:

— Estratt taċ-ċitru *Notifikat bħala Batteriċida*

— Estratt tal-qronfol tork

— Estratt tal-Mimosa Tenuiflora

— Żjut tax-xtieli/Żejt ir-raħsa tar-ribes *Notifikat bħala ripellant*

— Żjut tax-xtieli/Żejt ta' l-Ewkaliptus

— Żjut tax-xtieli/Żejt tal-merdqux *Notifikat bħala ripellant*

— Żjut tax-xtieli/Żejt tas-sagħtar *Notifikat bħala ripellant*

(c) Referenza fi Grupp 6.1 ta' Parti A:

— Polyvinyl acetate

(d) Referenza fi Grupp 6.2 ta' Parti A:

— Ammonium bituminosulfonate.

2 Fil-Parti B, ir-referenzi għas-sustanzi attivi li ġejjin jitneħħew:

— Z, E 3, 7,11-trimethyl-2, 6, 10-dodecatrien-1-ol (Farnesol)

— 1,7 Dioxaspiro- 5,5- undecan

— 3, 7 Dimethyl-26-octadien-1-ol (Geraniol)

— 3, 7, 11-Trimetil-1, 6, 10-dodecatrien-3-ol (Nerolidol)

— (E)-2 methyl-6-methylene-3, 7-octadien-2-ol (isomyrcenol)

— Ethyl 2, 4-decadienoate.

3 Fil-Parti F, ir-referenza għas-sustanza attiva li ġejja titneħħa:

— Sulfat lawril tas-sodju

4 Fil-Parti G, ir-referenza għas-sustanza attiva li ġejja titneħħa:

— Di-1-p-menthene